MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 797/2009

**Vodafone Malta Limited C-10865**
**vs**
**Joseph Muscat (ID132387M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tlett mija u disghin ewro u tmintax-il ewro centezmi (€390.18) rapprezentanti prezz ghal servizzi ta' telefonija cellulari rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma 'mobile phone' bin-numru 7980 9756.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas ghal diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjes inkluz tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet mid-data meta l-ammont

pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-Avukat Nadia Vella fit-2 ta' Novembru, 2009 u l-fatt li konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------